MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Numru 656/2002/1

**Carmelo Attard**

**vs.**

**Salvatore Attard u b'digriet tal-5 ta' Frar, 2004 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Stephen Attard u Joanne Abela mart Mario, ahwa Attard, u Dolores Attard armla ta' Salvu Attard stante l-mewt ta' Salvatore Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat fil-Qorti Magistrati (Malta) illi permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut Salvatore Attard jigi ikkundannat jisporgi (*sic*) l-ispoll minnu kommess billi fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss, jerga' jirripristina lill-attur fid-dritt tieghu li jkompli jgawdi l-access u l-pussess esklussiv ta' cirka erbat itmiem art li jinsabu fi

trieq il-Hwawar già Trieq ix-Xwieki Naxxar formanti parti minn art akbar maghrufa bhala ‘Ta’ Haberraqba’ u dana fl-istat u fil-modalità li fih kien qabel ma l-istess access u pussess ghall-attur kien safa zbarrat (*sic*) u molestat permezz ta’ xatba li tinqafel u nzerghat u nhadmet parti minnha liema fatt sehh fit-18 ta Ottubru 2002 u fil-granet u gimghat ta’ wara u dana b’manjera abbusiva, responsabbilità tal-konvenut tal-agir spoljanti tieghu - liema art l-attur ilu jahdimha b’mod esklussiv ghal dawn l-ahhar sittin sena shah; fin-nuqqas li l-konvenut jisporgi l-ispoll fiz-zmien lilu prefiss, il-Qorti ghandha inoltre tawtorizza lill-attur jirripristina huwa stess dan id-dritt tieghu ta’ access, pussess u tgawdija tal-imsemmi(ja) porzjoni ta’ art b’mod esklussiv a spejjes tal-istess konvenut okkorrendo permezz ta’ periti nominandi; bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni; ghall-finijiet ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizzju tal-art *de quo* ma jeccedix is-somma ta’ Lm100 fis-sena;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. L-inkompetenza ta’ dik il-Qorti *ratione materiæ*;

2. L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt billi mhux veru li l-attur kellu l-pussess esklussiv ta’ l-art imsemmija liema art ilha imqabbla ghand l-eccipjent ’il fuq minn erba’ u tletin sena;

3. F’kull kaz l-attur kien minn jeddu u irrevokabilment irrinunzja ghal kwalsiasi pretensjoni li kellu fuq l-art in kwistjoni;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza *in parte* tat-tmintax (18) ta’ Gunju, 2003 illi permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata mill-konvenut u irrizervat l-ispejjez ghall-gudizzju finali, u dana wara illi ikkonsidrat hekk:

“B’din l-azzjoni l-attur qieghed jezercita l-*actio spolii* kontemplata fl-Artikolu 535(1) tal-Kodici Civili li hija l-

azzjoni kompetenti mill-pussessur illi jallega li gie mmolestat fil-pussess ta’ l-immobbli jew jeddijiet maqghdin ma’ l-immobbli kontemplat u indikat fil-premessi tal-avviz.

“Ghalhekk din l-azzjoni definitivament ma tirrigwarda ebda drittijiet reali izda tirrigwarda esklusivament il-pussess allegat mill-attur u l-molestja tieghu f’dan il-pussess.

“Din hija azzjoni purament ta’ natura pussessorja li sahansitra tista anke tigi ezercitata mid-detentur fil-konfront tal-propjetarju tal-immobbli; ghalhekk taqa’ fil-kompetenza ta’ din il-Qorti sakemm ma jkunx hemm xi infrazzjoni ta’ xi wahda mir-regoli li tista twassal ghall-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris*;

“Inoltre ma jirrizulta ebda impediment specifiku pprovdut mill-ligi ghall-kompetenza ta’ din il-Qorti f’kawzi ta’ spoll, la fl-Artikolu 535 tal-Kodici Civili u lanqas mill-Artikolu 791 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

“Infatti l-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fis-sentenza taghha tad-29 ta’ Lulju tal-1950 fil-kawza fl-ismijiet *Giuseppe Vella et vs Rosa Vella* deciza mill-Qorti tal-Magistrat[i] fit-23 ta’ Gunju 1950, ma kienet sabet xejn fuq xiex tikkummenta fejn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienu effettivament jirrigwardaw spoll allegat mill-attur tal-pussess tieghu ta’ beni immobbli u kien gie effettivament ritenut ‘*illi l-pussess li ghandu jkun hemm biex tista tigi ezercitata l-azzjoni ta’ spoll privileggjat ma huwiex xi pussess specjali imma huwa pussess ta’ liema xorta jkun; u mhux lecitu ghall-ispoljant fl-azzjoni ta’ reintegrazzjoni li jinvestiga x-xorta tal-pussess tal-ispoljat*’.”

Rat ir-rikors ta’ appell tal-konvenuti illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbu hekk:
“… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fit-18 ta’ Gunju 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara l-Qorti tal-Magistrati (Malta) mhiex kompetenti biex tiehu

konjizzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat";

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat illi permezz taghha, fost affarijiet ohra, issolleva s-segwenti pregudizzjali:
"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appell odjern ghandu jigi meqjus bhala null u bla effett minnhabba dekadenza fit-terminu moghti mill-Ligi ghal prezentata ta l-istess skond ma kif jirrizulta mill-atti processwali u dan in linja ma sentenzi recenti li nghataw in konnessjoni ma appelli li jsiru minn sentenzi preliminari";

Semghat it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti illi jemergu mill-atti processwali u illi huma rilevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta' din il-pregudizzjali huwa s-segwenti:
1. Illi s-sentenza appellata giet pronunzjata fit-18 ta' Gunju, 2003;

2. Illi permezz ta' l-imsemmija sentenza giet michuda l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut Salvatore Attard;

3. Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju, 2003 l-imsemmi konvenut talab lill-ewwel Qorti sabiex, *ai termini* ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 231(1) tal-Kap. 12, tippermettilu jappella mill-imsemmija sentenza tat-18 ta' Gunju, 2003;

4. Waqt l-udjenza tas-sitta (6) ta' Frar, 2004, permezz ta' digriet "moghti fil-qorti bil-miftuh" (*proviso* art. 231(1), Kap. 12) l-ewwel Qorti ipprovdiet hekk (fol. 25):

"… b'referenza ghar-rikors tal-konvenut tat-23 ta' Gunju, 2003 qedha prezenzjalment tawtorizza [lill-konvenut] jipprocedi ghall-Appell mid-decizjoni taghha tat-18 ta'

Gunju, 2003 b'dan illi t-terminu ghall-appell ghandu japplika mil-lum stess";

5. Il-konvenuti odjerni intavolaw ir-rikors ta' appell in ezami fis-sittax (16) ta' Frar, 2004;

Ma hemm ebda dubbju illi s-sentenza appellata hija wahda "separata" fit-termini ta' l-artikolu 231 tal-Kap. 12 u illi r-rikors ta' appell odjern gie intavolat meta kienet ghadha ma dahlitx fis-sehh l-emenda ghall-istess artikolu kontemplata mill-artikolu 7 ta' l-Att Numru XIII ta' l-2005;

Dan premess, fil-fehma ta' dina l-Qorti, ir-rikors ta' appell odjern ghandu jigi konsidrat bhala irritu u null ghaliex ma giex intavolat *entro* t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata kontemplat mill-artikolu 226(1) tal-Kap. 12 (ara sentenzi ta' dina l-Qorti, Sede Superjuri, *Galea vs Agius et*, 3/12/2003, *Cremona Barbaro noe. vs Vella Galea et*, 16/12/2003, *Kemimport Limited vs Schembri pro. et noe.*, 8/2/2005 u *Micallef vs. Brian Tyre Services Limited et*, 15/2/2005);

A skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi l-artikolu 106 tal-Kap. 12 mhux applikabbli ghall-kaz in ezami ghaliex anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi konsidrat illi t-terminu kontemplat mill-imsemmi artikolu 226(1) tal-Kap. 12 ma huwiex wiehed perentorju, meta l-ewwel Qorti, fl-imsemmi digriet tas-6 ta' Frar, 2004, qalet "b'dan illi t-terminu ghall-Appell ghandu japplika mil-lum stess", it-terminu kontemplat mill-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12 kien già skada;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddikjara l-appell interpost mill-konvenuti irritu u null u, konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tieghu;

Tordna illi l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tissokta bis-smigh tal-kawza skond il-ligi;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------